# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Marzu 2017**

**Numru**

**Rikors kostituzzjonali numru 37/2015**

**Lawrence Grech, Joseph Magro,**
**Leonard Camilleri, David Cassar,**
**Noel Dimech, Angelo Spiteri,**
**Raymond Azzopardi, Charles Falzon,**
**Philip Cauchi u Joseph Mangion**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali; u b'digriet tat-30 ta' Ġunju 2015 issejħu fil-kawża s-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, l-Arċidjocesi ta' Malta, Godwin Scerri u Charles Pulis**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali fit-28 ta' April 2016 li ċaħdet talba tal-atturi għal dikjarazzjoni illi n-nuqqas ta' rikuża tal-imħallef li qiegħed jisma' kawża li fetħu l-atturi kontra l-konvenuti msejħa fil-

kawża huwa bi ksur jew jista' jwassal għal ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq, imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi kienu fetħu kawża[1] kontra s-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, l-Arċidjocesi ta' Malta, Godwin Scerri u Charles Pulis (fost oħrajn). F'dik il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu riżarċiment tad-danni li jgħidu li ġarrbu bħala vittmi ta' abbuż meta bħala tfal kienu residenti f'dar tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

3. L-imħallef li qiegħed jisma' din il-kawża huwa president tal-fondazzjoni li tmexxi l-istazzjon radjofoniku *Radju Marija*. Meta saru jafu b'dan, l-atturi b'rikors tal-4 ta' Frar 2015 magħmul taħt l-art. 739 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili talbu li jitħallew iressqu eċċezzjoni ta' rikuża tal-imħallef (billi l-eċċezzjoni ma kinitx tressqet *in limine litis*). Il-qorti b'dikriet tal-10 ta' Marzu 2015 ċaħdet, mhux it-talba biex titressaq l-eċċezzjoni, iżda l-eċċezzjoni nfisha (li teknikament kienet għadha ma tressqitx).

4. Billi dehrilhom illi ċ-ċaħda tar-rikuża tikser il-jedd tagħhom għal smigħ xieraq, jew tista' twassal għal ksur ta' dak il-jedd, għax l-imħallef li sejjer ikompli jisma' l-kawża "f'għajnejn [l-atturi] mhuwiex imparzjali b'mod oġġettiv", l-atturi fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti:

---

[1] Lawrence Grech *et v.* Carmelo Pulis *et*, rik. 489/2013.

»1. tiddikjara li hemm jew jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq abbażi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) fuq l-imparzjalità tal-ġudikant Imħallef Joseph R. Micallef fil-kawża 489/2013 fl-ismijiet Lawrence Grech *et v.* Carmelo Pulis *et*;

»2. tordna r-rikuża tal-Imħallef Joseph R. Micallef fil-kawża 489/2013 fl-ismijiet Lawrence Grech *et v.* Carmelo Pulis *et*;

»3. taħtar ġudikant ieħor li ma jkollux konnessjonijiet diretti mal-konvenuti jew uħud minnhom sabiex jippresjedi fuq il-kawża 489/2013 fl-ismijiet Lawrence Grech *et v.* Carmelo Pulis *et*;

»4. *in virtù* tal-poteri lilha mogħtija, tagħti dawk l-ordnijiet u r-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni.«

5. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Il-kwistjoni hi waħda sempliċi bħala allegazzjoni. Ir rikorrenti qed jallegaw illi hemm il-biża' li l-ġudikant fil-kawża 489/2013 li għandha bħala mertu talba għal dikjarazzjoni ta' responsabiltà u kundanna għad-danni li għandhom fil-konfront tal-intimati mhux ser ikun imparzjali waqt il-kawża u fid-deċizjoni. Ir-raġuni hi li l-istess ġudikant hu president tal-fondazzjoni ta' *Radju Marija* u membru attiv fiha u għalhekk ser ikun influenzat mill-inklinazzjoni li għandu lejn l-intimata Kurja Arċiveskovili.

»Dan ser iwassal għal ksur a bażi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem *cioè* ġudizzju minn tribunal imparzjali u b'hekk hemm lok ta' rikuża tal-istess ġudikant.

»Il-partijiet l-oħra opponew din it-talba.

»Bażi legali

»Il-kwistjoni ta' rikuża ta' ġudikant hi regolata mill-artikolu 734 tal-Kap. 12 li però jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li ebda waħda mir-raġunijiet ta' rikuża ma jistgħu jitnisslu mill-istess artikolu bħala applikabbli għal każ in kwistjoni għalkemm … anke jekk jista' ma jkunx hemm lok ta' rikuża a bażi tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jfissirx b'daqshekk illi l-kwistjoni tingħalaq hawn għax l-imparzjalità ta' ġudikant hi waħda mis-salvagwardji tad-dritt ta' smigħ xieraq u kwindi jekk il-liġi ġenerali ma tipprovdix rimedju fejn mistħoqq, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Kap. 319 jistgħu jiġu invokati biex jekk hu mistħoqq jingħata r-rimedju opportun.

»Jidher illi din hi t-triq li r-rikorrenti għażlu li jgħaddu minnha għal rimedju għall-allegazzjoni minnhom formulata fil-konfront tal-ġudikant li qed jisma' l-kawża ċivili 489/2013. … … …

»… … …

»Ir-rikorrenti fit-talba tagħhom jagħtu x'wieħed jifhem li huma qed jallegaw primarjament illi l-ġudikant mhux imparzjali b'mod oġġettiv

għaliex hu kien u għadu president tal-fondazzjoni li tmexxi *Radju Marija*, li għandu l-għan ewlieni l-evanġelizzazzjoni tal-messaġġ ta' Marija Santissima fl-isfond tat-tagħlim tal-Knisja Kattolika, jevanġelizza fuq il-linji pastorali tal-Papa Franġisku fejn id-dmir tat-tagħlim nisrani hu afdat f'idejn l-isqfijiet bħala kulleġġ jew individwalment kif marbuta mal-Papa, u jxandar aħbarijiet esklussivament ta' natura reliġjuza tal-Knisja Kattolika. Ir-rikorrenti jsostnu li r-rabta li għandu l-ġudikant ma' tali fondazzjoni ser tinklinah lejn l-intimata Kurja Arċiveskovili. Dan peress illi anke l-apparenzi jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' imparzjalità meta r-rikorrenti huma vittmi ta' abbużi sesswali minn reliġjuzi meta kienu residenti f'dar tal-knisja, u, għalkemm l-ogħla awtoritatjiet ekklesjastiċi għarfu dawn in-nuqqasijiet, iżda fil-kawża ċivili qed jopponu għal kwalsiasi ħtija ċivili da parti tagħhom bil-preskrizzjoni invokata minnhom. Il-biża' tar-rikorrenti hu li l-posizzjoni tal-imħallef sedenti u r-rabta perċepita mal-intimata Arċidjoċesi hi viċina wisq biex tiggarantixxi smigħ imparzjali.

»Il-qorti però tqis illi għandha tqis dak li ntqal mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom rigward in-nuqqas ta' imparzjalità soġġettiva allegata minnhom da parti tal-Imħallef Micallef fil-kawża ċivili. Huma jsostnu li meta l-imħallef ġie rinfaċċjat b'talba biex issir eċċezzjoni ulterjuri biex titqajjem il-kwistjoni tar-rikuża *stante* li tali eċċezzjoni ma saritx *in limine litis*, l-istess imħallef flok sema' l-partijiet qabel ippermetta jew ċaħad it-talba skond il-liġi proċedurali għal premess biex issir l-eċċezzjoni, hu ddeċieda l-mertu tal-eċċezzjoni mill-ewwel.

»Din il-qorti ma tqisx li tali aġir għalkemm proċeduralment mankanti b'xi mod il-ġudikant wera xi preġudizzju soġġettiv da parti tiegħu. Il-ġudikant b'mod sempliċi ħafna seta' ċaħad it-talba għal preżentata ta' eċċezzjoni ulterjuri ta' din in-natura għax ma saritx *in limite litis* u dan billi l-proċeduri quddiem l-istess ġudikant kienu ġà pproċedew bis-smigħ tal-provi dwar eċċezzjoni preliminari. Il-qorti ma tistax ma tirrimarkax jekk tali aġir kienx allura ikun jikkostitiwixxi *bias* soġġettiv f'għajnejn ir-rikorrenti. Minflok, il-ġudikant esprima ruħu fuq il-mertu tal-kwistjoni mqajma li kienet dik ta' rikuża tiegħu a bażi tal-artikolu rilevanti tal-proċedura ċivili. Il-qorti mhix qed tiċċensura lir-rikorrenti li ħassew li d-deċiżjoni ta' nuqqas ta' rikuża kienet tmur kontra d-drittijiet sanċiti bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea. Però d-deċiżjoni waħedha ma tipprovax illi l-ġudikant kien soġġettivament preġudikat u wera nuqqas ta' imparzjalità. L-argument tar-rikorrenti mqiegħed b'dan il-mod fil-fehma ta' din il-qorti ma jreġġix għaliex ommissjoni proċedurali ma tistax tekwivali għal nuqqas ta' imparzjalità soġġettiva.

»Applikazzjoni tal-liġi għall-fatti

»Bħala fatt irriżulta illi l-imħallef sedenti fil-kawża ċivili 489/2013 *cioè* l-Imħallef Micallef hu president ta' *Radju Marija*. Mix-xhud prodott mir-rikorrenti, Fr Charles Fenech, u l-istatut tal-istess *Radju Marija* jirriżulta illi *Radju Marija* beda madwar għoxrin sena ilu bħala radju tal-komunità qabel kisbet liċenzja nazzjonali. Hu beda l-*local branch* għax bħala radju twaqqaf l-Italja u hu mifrux mad-dinja jxandar il-kelma tal-Knisja Kattolika. La jxandar reklami jew jidħol fil-politika iżda hu radju purament ta' natura reliġjuża u kulturali. *Radju Marija* mhux radju tal-Knisja Kattolika iżda hu wieħed immexxi mill-lajċi bla ebda ħlas jew remunerazzjoni. Hu maqsum f'diversi sezzjonijiet fejn hemm l-assemblea ġenerali komposta mill-membri kollha u fejn jiġi elett il-bord tad-diretturi mill-membri tagħha. L-assemblea għandha l-poteri li tistabilixxi

l-*policies* tar-radju fost poteri oħrajn. Il-bord hu kompost minn ħames membri u d-direttur tal-programmazzjoni. Il-bord jagħżel il-president. Id-deċiżjonijiet jittieħdu fuq bażi ta' maġġoranza sempliċi. Il-bord jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-assemblea, l-impjieg u tkeċċija ta' impjegati u l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tal-iskeda tal-programmi li għaliha hu responsabbli d-direttur tal-programmi li hu l-uniku persuna li ma jistax ikun lajk. Ir-responsabiltà tal-president hija primarjament il-koordinament tad-diversi branki tar-*Radju Marija* u jsejjaħ il-laqgħat fejn u meta bżonn. Hemm ukoll kumitat eżekuttiv kompost mill-president, il-*programme director* u l-*station director* li għandu funzjoni amministrattiva. Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza ta' voti. Bosta mill-ħatriet huma għal perjodu ta' tliet snin estendibbli għal darba biss. Ir-radju fiżikament jittrasmetti mill-Kunvent Dumnikan tar-Rabat li selfuhom il-lok bla ħlas. Skond Fr Fenech is-sehem tiegħu fil-prattika bħala direttur fl-ambitu tal-amministrazzjoni hi limitata biss biex l-amministrazzjoni tkun taf xi programmi ser jittellgħu però ma tistax timponi hi x'tip ta' programmi jittellgħu. L-unika oġġezzjoni tal-amministrazzjoni tista' tkun biss dik loġistika jew dwar fondi disponibbli. In kwantu għal dixxiplina l-*programme director* jista' jiġi mkeċċi fuq talba magħmula bil-miktub u, f'każ ta' nuqqas ta' deċiżjoni, irid jittieħed vot sigriet f'laqgħa tal-assemblea ġenerali u t-tkeċċija ssir meta aktar minn sittin fil-mija jivvotaw favur tkeċċija. Proċedura simili tinsab a propożitu ta' talba għal riżenja tal-president ħlief li deċiżjoni li tafferma riżenja trid l-approvazzjoni ta' ħamsa u sebgħin fil-mija tal-assemblea ġenerali. Fr Fenech xehed illi l-konsegwenza għal min jisgarra fit-tagħlim tal-knisja waqt il-programmazzjoni hi prerogattiva biss tad-direttur tal-programmi però per prudenza kien jinfurma lill-amministrazzjoni qabel jittieħdu passi. Jekk lilu bħala direttur ma kienx jogħġbu dak li qed jiġi prodott kien iwaqqfu mill-programmazzjoni. Jekk ikun hemm xi problema fuq it-tagħlim mogħti mir-radju, bħala saċerdot hu jirrispondi għal dan lill-Arċisqof. Fr Fenech igħid li l-fondi ta' *Radju Marija* jiġu mill-għotjiet tan-nies, u l-knisja ma toffri ebda sussidju. Bla donazzjonijiet ir-radju jagħlaq. *Radju Marija* hu organizzazzjoni volontarja *cioè non profit making* u l-membri kollha ma jitħallsux. Is-*surplus*, jekk ikun hemm, jiġġemma' għal proġetti oħra bħal sejbien ta' fond mnejn joperaw flok il-kunvent tad-Dumnikani. *Radju Marija* la għandu x'jaqsam mal-knisja u anqas mal-*MSSP*[2] la f'xi forma ta' kontroll jew għoti ta' flus.

»Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

»Il-prinċipju li fuqu qed isostnu r-rikorrenti bħala bazi għall-applikazzjoni ta' dak li jridu l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea hu illi s-smigħ xieraq protett minn dawn l-artikoli jista' jiġi mimsus negattivament fil-konfront tar-rikorrenti jekk il-ġudikant li qed jisma' l-kawża jkompli bis-smigħ hu. Dan għaliex iqisu l-posizzjoni tiegħu *f'Radju Marija* viċina wisq għall-intimata Kurja Arċiveskovili biex tipprovdi serħan tal-moħħ għal min qed jiġi ġudikat. Il-ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid tidher li qed issir.

»Din il-qorti tqis illi hu minnu li l-ġustizzja trid tidher li qed issir. Jibda biex jingħad illi l-għażla tal-ġudikant għal kawża ma ssirx mill-ġudikant innifsu iżda minn mekkaniżmu appożitu li jitħaddem mir-reġistratur tal-qrati, bla ebda interferenza jew parteċipazzjoni jew addirittura l-konoxxenza *a priori* tal-istess ġudikant li lilu ser tmiss il-kawża. Il-

2 Soċjetà Missjonarja ta' San Pawl.

ġudikant hu għal kollox estraneju għall-mekkaniżmu li bih kawża tiġi assenjata lilu bl-eċċezzjoni ta' kawżi speċjalizzati fejn din partikolari ma taqax f'tali kategorija. Id-diċitura 'ġustizzja trid tidher li qed issir' ma għandhiex tifsira soġġetiva bħal per eżempju parti mhix kuntenta bl-għażla tal-ġudikant. Lanqas ma tfisser li *the ordinary man in the street* mhux ben infurmat fuq il-fatti speċifiċi u t-tema legali involuta b'perċezzjoni limitata għalhekk tal-assiem fattwali u legali ta' dak li qed jiġi deċiż jista' jew għandu b'xi mod jinfluwenza l-interpretazzjoni tal-istess diċitura. Id-diċitura 'ġustizzja trid tidher li qed issir' għandha tkun miftehma u espressa fil-konkret tagħha u applikata mill-kulleġġ tal-ġudikanti skond il-fattispeċie u n-natura ta' kull kawża. Wara kollox hu prinċipju regolatur illi l-ġudikant hu preżunt imparzjali għax l-imparzjalità hi parti intima mill-ġurament tal-ħatra tiegħu u li għandu jżomm quddiem għajnejh u jattwa f'kull kawża u kull ċirkostanza sakemm hu msejjaħ jippresjedi u jiġġudika disputa. Din hi garanzija li l-ġudikant hu marbut li jagħti biex isostni l-applikazzjoni tal-ġustizzja skond il-liġi, l-ugwaljanzza għal kull min jidher quddiemu, u fil-prattika jsaħħah id-demokrazija, fonti tal-libertà tal-bniedem f'soċjetà ċivili (ara artikolu 10 tal-Kap. 12) anki jekk iħossu skomdu għal kwalsiasi raġuni tkun xi tkun bil-vertenza quddiemu għax dak hu l-prezz tal-ġurament li jkun ħa quddiem l-istat u quddiem Alla.

»Il-kwistjoni attriċi hi jekk din il-garanzija fil-kawża ċivili li tat lok għal din il-vertenza hiex minsusa b'tali mod li hemm dubju serju oġġettiv u konkret u mhux biss perċezzjoni astratta jew soġġettiva għar-rikorrenti li l-ġustizzja jista' jkun li ma ssirx.

»Ir-rikorrenti jibbażaw l-ilment prinċipali tagħhom fuq nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva. Qed jallegaw bażikament illi hemm raġuni leġittima li ġġegħelhom jibzgħu li l-ġudikant jonqos fih l-element ta' imparzjalità. Jorbtu dan il-biża' mal-fatt illi bħala president ta' *Radju Marija* jista' jxaqleb jew iħares b'għajn aktar beninja lejn l-intimata Arċidjoċesi ta' Malta.

»Din il-qorti fliet il-provi u ma tistax issib dan il-biża' bħala wieħed fondat mill-ottika oġġettiva. Irriżulta li ma hemm ebda rabta ta' ebda natura bejn il-ġudikant involut, *Radju Marija* u l-intimat Kurja Arċiveskovili. *Radju Marija* hi organizazzjoni volontarja, magħmula minn soċji li jagħtu s-sehem tagħhom fl-ispirtu tal-volontarjat. Il-finanzi ta' *Radju Marija* jiġu biss minn donazzjonijiet tal-fidili. L-Arċidjoċesi ta' Malta ma tipprovdi ebda għajnuna finanzjarja jew mod ieħor. Il-ġudikant innifsu bħala president jagħti sehmu biss fl-amministrazzjoni tar-radju bla ebda jedd jew poter fuq dak li jixxandar u minn min jixxandar. Dak hu fdat f'idejn saċerdot li hu l-uniku soċju jekk trid issejjaħlu hekk li jappartjeni lis-saċerdozju. *Radju Marija* hu fil-fatt assoċjazzjoni lajkali.

»L-uniku punt ta' verġenza li hemm bejn ir-radju u l-Arċidjoċesi hu biss ir-religjon Kattolika. Ir-radju hu kommess li jxandar u jxerred il-kelma ta' Alla b'enfasi speċjali fuq il-Madonna kif espressa fir-reliġjon Kattolika u l-intimita Arċidjoċesi ta' Malta tħaddan l-istess reliġjon Kattolika, liema reliġjon hi wkoll ir-reliġjon rikonoxxuta ta' Malta fil-Kostituzzjoni ta' Malta artikolu 2.

»Din il-qorti ma tqisx illi l-ġudikant fil-kawża ċivili mertu ta' dawn il-proċeduri hu oġġettivament *biased* għax preżumibilment jipprattika l-istess reliġjon għalkemm ebda prova *ut sic* ma saret dwar liema

reliġjon jipprattika l-ġudikant in kwistjoni. Però din il-qorti qed tifhem li kieku l-ġudikant hu ta' fidi differenti jew indifferenti fuq fidi skont il-każ, ma kienx ser jivvolontarja ħinu għall-amministrazzjoni ta' radju li jxandar ir-reliġjon Kattolika.

»Il-qorti tistaqsi għalfejn oġġettivament il-ġudikant ser jiffavorixxi l-Arċidjoċesi meta l-kwistjoni mhix dwar liema reliġjon jipprattika, jew jekk il-vertenza timpinġix fuq ir-reliġjon jew it-twemmin Kattoliku. Il-kwistjoni hi waħda purament ta' dikjarazzjoni ta' responsabiltà u kundanna għal danni minn individwi li fiż-żmien kienu saċerdoti u nstabu ħatja kriminalment in konnessjoni ma offiża ta' abbużi sesswali. Din żgur ma timpinġi bl-ebda mod fuq it-twemmin. Il-kwistjoni anzi tirraforza t-twemmin Kattoliku li ġustizzja trid issir ma' min ħaqqu u jistħoqqlu skond il-liġi ċivili tal-pajjiż u dan isir kontra min fil-liġi ċivili għandu jinżamm responsabbli, jekk teżisti tali responsabiltà, irrispettivament mill-persuna jew il-knisja jew it-twemmin. Il-kwistjoni hi waħda ta' indoli ċivili mhux ekkleżjali jew ta' twemmin fejn jidħlu għalhekk kwistjonijiet ta' prinċipji ta' fidi u fejn allura wieħed jista' jifhem il-konflitt apparenti jew perċepit. Ebda xkiel ma jista' jiġi ravviżat bejn it-twemmin tal-ġudikant fil-kawża ċivili u l-intimat Kurja Arċiveskovili jew l-*MSSP* li bħala enti qed tidher fil-proċeduri quddiem il-qorti bħala parti ċivili li tista' tinżamm responsabbli jekk l-elementi neċessarji ta' responsabiltà ċivili jissussistu fil-konfront tagħha u dan fl-isfond tal-liġijiet ċivili tal-pajjiż intiżi għall-protezzjoni ta' kull min jitlob li ssir ġustizzja miegħu skond il-liġi.

»Il-qorti tagħmel distinzjoni netta bejn it-twemmin ta' persuna u l-enti amministrattiva tagħha kif inhi l-Arċidjoċesi li f'dan il-każ mhux qed tiġi invokata in ġudizzju fuq it-twemmin tagħha iżda bħala l-enti uffiċjali li tista' tkun responsabbli f'kwistjonijiet ta' natura ċivili bħal ma hi din.

»Li kieku din il-qorti kellha b'eċċess ta' kawtela, fil-fehma tagħha inġustifikata, taċċetta t-teżi tar-rikorrenti, dan ifisser li ġudikant li għandu kwalsiasi fehma, kemm politika, kemm reliġjuza, kemm sportiva jew kulturali u li quddiemu jersqu in ġudizzju persuni jew entitajiet ta' fehma dikjaratament differenti, allura ser nispiċċaw bir-riskju li ma ssibx ġudikanti li lesti jiddeċiedu, jew, agħar, li jsir abbuż mill-partijiet mis-sistema ġudizzjarja jew li addiritura l-għażla ta' ġudikant b'fehma li tissimpatizza ma' waħda mill-partijiet fit-twemmin jew fil-politika jew affarijiet oħra ser jispiċċa bilfors jiddeċiedi favur dik il-parti.

»Ir-rikorrenti jissottomettu li hemm viċinanza bejn il-partijiet *cioè* l-ġudikant bħala president ta' *Radju Maria* u l-Kurja Arċiveskovili in kwantu t-tnejn jitmexxew fuq l-istess linji ta' twemmin u d-diretturi tal-programmazzjoni jridu jkunu membri tal-kleru. Iqisu illi din il-vertenza titfa' dubju fuq l-oġġettività tal-ġudikant billi l-abbużi sesswali li taw lok għal din il-kawża tad-danni mir-rikorrenti saret minn *ex*-membri tal-kleru. Il-qorti tqis illi '*a fair minded and informed observer*' kif ir-rikorrenti jiddeskrivu persuna oġġettiva fid-determinazzjoni tal-kwistjoni quddiem din il-qorti, ma għandux iħoss li l-ġudikant ser jonqos mid-doveri tiegħu għax *ex*-membru tal-kleru u l-amministrazzjoni tal-Knisja Kattolika f'Malta huma intimati. Anzi l-istess Knisja Kattolika fit-tagħlim tal-Papa u l-Arċisqof ta' Malta stess isostnu u qed juru bil-fatti illi kull abbuż li jsir min membru tal-kleru għandu jiġi denunzjat, mikxuf u l-istat jieħu l-passi li għandu jieħu kif *del resto* għandhom dritt jieħdu kull passi legali ċivili konsegwenzjali dawk li batew il-konsegwenzi diretti tal-abbuż b'kull mezz li tagħti l-liġi. It-tagħlim tal-knisja għandu jkun

għalhekk garanzija ta' dak li r-rikorrenti qed jitolbu quddiem il-qorti ċivili kif preseduta mill-Imħallef Micallef.

»Il-qorti tenfazizza li għalkemm il-ġudikant għandu bħal kull persuna oħra l-opinjonijiet personali tiegħu fuq kull aspett tal-ħajja ċivili u morali u għandu l-umanità fraġili tiegħu bħal kull bniedem ieħor però hu wkoll imsejjaħ għal servizz li jagħmel ġustizzja skont il-liġi, u għalhekk irid, b'responsabilità akbar u b'obbligu solenni li għalih ikkommetta ruħu b'ġurament, ipoġġi fil-ġenb kull opinjoni jew fehma personali biex b'kuraġġ, b'saħħa u b'kuxjenza safja jqis li ssir ġustizzja safejn tippermettilu l-liġi.

»Ma hemm xejn fl-atti li juri li l-ġudikant imsejjaħ jiddeċiedi l-kawża ċivili ser jonqos minn dan in-dover jew hemm xi biża' fondat u serju li mhux ser jaqdi dan l-obbligu li hu msejjaħ jadempixxi b'serjetà, onestà u b'rispett għal-liġijiet u Kostituzzjoni ta' Malta.

»Ir-rikorrenti ġabu prova illi, meta d-direttur ta' *Radju Marija*, Fr Fenech, li jieħu ħsieb il-programmazzjoni tal-istess radju, kien qed jiġi investigat minn *response team* tal-Kurja fuq allegazzjonijet ta' natura kriminali, *Radju Marja qua* membri li huma parti minnha, jew l-amministrazzjoni, ma ħadet ebda passi kontrih u ħallietu f'dan l-inkarigu. Hu rriżenja biss f'Ottubru 2014 meta ġie akkużat quddiem il-qorti, u l-Provinċjal tal-Komunità Dumnikana, li lilha jappartjeni, ordnalu jieqaf mill-Ministeru Pubbliku u jirriżenja mill-kariga ta' direttur. Ir-rikorrenti jsostnu li dan in-nuqqas ta' azzjoni da parti ta' *Radju Marija* senjatament il-president tagħha li hu l-mertu ta' din l-azzjoni wera favoritiżmu lejh.

»Jirriżulta mil-atti u *cioè* l-istatut ta' *Radju Marija* illi d-direttur jista' jiġi mkeċċi fuq talba ta' membru u wara laqgħa straordinarja fejn it-talba tiġi appoġġjata minn sittin fil-mija tal-membri preżenti (art. 18.2).

»Għalkemm hu minnu illi l-presdient jikkonvjeni l-laqgħa u jippresediha hu ma għandu ebda saħħa li, waħdu, ikeċċi d-direttur. L-implikazzjoni tar-rikorrenti li n-nuqqas ta' azzjoni ta' *Radju Marija*, u senjatament tal-president, biex iressaq mozzjoni għat-tkeċċija meta l-istess direttur kien qed jiġi investigat mill-Kurja juri rabta jew favoritiżmu. Din il-qorti ma tqisx li dan l-argument ireġġi għaliex fl-ewwel lok il-kawża mhix kontra Fr Fenech u lanqas hu parti. Fit-tieni lok il-Patrijiet Duminkani ma jmexxux lill-Kurja u għalhekk ma hemm ebda konnessjoni bejn il-Kurja, parti f'din il-kawża, u l-Patrijiet Duminikani jew addirittura Fr Fenech. Anki kieku stess, *dato non concesso*, u limitatament bħala argument, kellu jingħad li l-president ta' *Radju Marija* kellu simpatija ma Fr Fenech jew ħassu skomdu jitlob għar-riżenja tiegħu skond il-proċedura tal-istatut, dan bl-ebda mod ma jnissel xi konnessjoni bejn Fr Fenech u l-Kurja Arċiveskovili u *di più* r-rikorrenti f'din il-proċedura u atturi fil-kawża ċivili quddiem l-Imħallef Micallef. Ma saret ebda prova ta' kwalsiasi natura li turi *bias* favur il-Kurja ossija l-Arċidjoċesi ta' Malta mill-Imħallef Micallef sempliċement għax, f'ċirkostanzi differenti fuq kwistjoni differenti, hu jew ħaddieħor membru ta' *Radju Marija* ma ħadu ebda passi *ai termini* tal-artikolu 18.2 tal-istatut. Wara kollox, kif ingħad, *Radju Marija* mhi bl-ebda mod assoċjata mal-Kurja u l-investigazzjoni interna tal-Kurja ma' Fr Micallef [Fenech?] hi *res inter alios acta* għal *Radju Marija*. *Inoltre* hemm il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza li hi fondamentali u hi parti mid-drittijiet tal-bniedem, u malli kien hemm ħjiel pubbliku dwar l-akkużi kriminali li nġiebu kontra

Fr Micallef [Fenech?], l-istess Fr Micallef [Fenech?] irriżenja mill-kariga tiegħu ta' direttur ta' *Radju Marija*.

»Ir-rikorrenti wkoll jissottomettu illi l-Kodiċi ta' Etika tal-Ġudikatura fiha regoli u linji gwida kontra l-parteċipazzjoni ta' ġudikanti f'assoċjazzjonijiet li jistgħu jkunu f'konflitt mal-indipendenza u imparzjalità tagħhom. Il-qorti tqis li kwistjonijiet dwar l-etika huma l-prerogattiva tal-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u ma nġiebet ebda prova li l-ġudikant in kwistjoni nstab ħati jew ġie mixli li kiser il-kodiċi tal-etika bil-fatt li hu president ta' *Radju Marija*.

»*Inoltre* r-regoli 12 u 23 imsemmija speċfikament mir-rikorrenti kienu regoli ġenerali u, kif ġà qalet din il-qorti, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, ma jidhirx sa dan il-mument tal-proċeduri li hemm xi biża' ta' nuqqas ta' imparzjalità.

»Fl-aħħarnett din il-qorti ma tqisx illi r-rikorrenti għandhom xi bieb magħluq li għalih ma għandhom ebda ċavetta. Jekk f'xi waqt fil-kawża li tissokta tkompli jirriżulta xi preġudizzju naxxenti minn nuqqas ta' imparzjalità allura d-dritt ta' rikors lejn il-qrati għal rimedju hu dejjem disponibbli bis-salvagwardja anki għal rimedju ulterjuri mill-Qorti tal-Appell. Kif jiktbu l-awturi Jacobs, White and Ovey fil-ktieb *The European Convention on Human Rights*' (p. 269 ed. 2010) '*even where the first instance tribunal is not sufficiently independent, the availability of judicial review by an article 6 compliant Court will remedy the earlier defect*' (ara Bryant *v.* U.K., 22/11/1995).

»Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti ma tqisx li hemm preġudizjali soġġettiva jew oġġettiva li tiġġustifika t-talba tar-rikorrenti.

»*Decide*

»Għall-motivi fuq indikati l-qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż.«

6. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tas-17 ta' Mejju 2016, li għalih l-Avukat Ġenerali wieġeb fl-1 ta' Ġunju 2016, is-Soċjetà Missjonarja ta' San Pawl wieġbet fis-6 ta' Ġunju 2016 u l-Arċidjoċesi ta' Malta wieġbet fil-16 ta' Lulju 2016.

7. L-aggravji tal-appell ġew fil-qosor imfissra hekk:

»1. il-qorti naqset milli tapprezza li n-nuqqas ta smigħ xieraq jiddependi mill-perspettiva tal-appellanti vittmi fuq il-prinċipju ta' oġġettività imparzjali fir-rigward tal-Imħallef Joseph R. Micallef;

»2. il-lanjanza tal-intimati ġiet misrapreżentata mill-onorabbli Prim'Awla forsi minħabba nuqqas ta' kjarezza da parti tal-appellanti;

»3. finalment, il-qorti applikat b'mod żbaljat l-argumenti dwar l-etika tal-ġudikatura fil-konklużjonijiet tagħha.«

8. Fir-rikors tal-appell l-atturi ittrattaw l-ewwel żewġ aggravji flimkien, u komplew fissru dawn l-aggravji hekk:

> »Illi jidher ampjament ċar li fis-sentenza tagħha l-ewwel qorti naqset milli tapprezza verament illi n-nuqqas ta' smigħ xieraq f'rigward il-każ in desamina jiddependi biss mill-perspettiva tal-appellanti bħala vittmi ta' abbuż sesswali fi ħdan entità reliġjuża mmexxija minn esponenti tal-Knisja Kattolika Maltija u dan fir-rigward il-prinċipju ta' oġġettività imparzjali tal-Imħallef Joseph Micallef u għalhekk naqset li tikkunsidra s-sottomissjonijiet dettaljati tal-appellanti quddiem l-ewwel qorti.
>
> »Illi b'referenza għas-sentenza tal-ewwel qorti u għall-kjarezza, … … … it-*test* tal-oġġettività u s-suġġettività imparzjali m'humiex testijiet kumulattivi u li jridu jiġu sodisfatti flimkien[3].
>
> »… … … [I]d-dritt ta' smigħ xieraq, taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, jiggarantixxi li l-ġudikant li jipprevali [*sic*] u jiddetermina drittijiet u obbligazzjonijiet ċivili jkun imparzjali. Kuntrarjament għal dak li l-Arċidjoċesi ta' Malta kienet qed tinsisti fir-risposta tagħha quddiem l-ewwel qorti, din l-imparzjalità għandha tkun sodisfatta kemm suġġett-ivament kif ukoll oġġettivament b'mod li jekk waħda minn dawn it-tnejn tkun nieqsa l-ġudikant ikun preżunt li ma jkunx imparzjali u d-dritt għal smigħ xieraq jiġi ppreġudikat. … … …
>
> »… … …
>
> »L-imparzjalità oġġettiva ddur mal-kunċett ta' kif terzi persuni, inklużi l-appellanti nnifishom, iħarsu lejn il-ġudikant ta' quddiemhom sabiex tiġi ddeterminata jekk dak il-ġudikant innifsu jagħtix l-impressioni li huwa imparzjali. … … …
>
> »… … …
>
> »Dan ifisser li anki l-iċken dubbju ta' imparzjalità oġġettiva min-naħa tal-ġudikant seta' raġonevolment jiġi pperċeput mill-osservatur u anki mill-appellanti li ser jippreġudika d-dritt ta' smigħ xieraq. Il-Qorti Ewropeja tasal f'punt li tgħid li f'dan il-każ huwa anki l-ġudikatur stess li jrid jirreżenja fejn jara li l-appellanti qegħdin iħossu u jibżgħu li hemm imparzialità oġġettiva. Il-qorti tuża wkoll il-kelma '*fear*' – dan ifisser li anki s-sempliċiment biża' min-naħa tal-appellanti kellha twassal għan-nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva.
>
> »It-*test* ta' imparzjalità oġġettiva mhux qiegħed hemm sabiex jin-vestiga l-attitudni *per sé* tal-ġudikant jew il-mod ta' kif il-proċeduri jkunu mxew – dan huwa biss it-*test* soġġettiv. It-*test* ta' imparzjalità oġġettiva jdur biss madwar il-*fair-minded and informed observer* (Wade and Forsyth fil-ktieb *Administrative Law, 10th edition*, paġna 384). … … … L-*observer* jinkludi wkoll l-appellanti nnifishom – l-aħjar prova dwar it-*test* oġġettiv – li jistgħu juru jekk għandhomx biża'

3 Li jidher li jridu jgħidu l-appellanti hawn, u kif inhu mfisser aħjar fil-paragrafu ta' wara, ma huwiex (kif jista' jidher mill-ewwel qari ta' dan il-paragrafu) illi l-ħtieġa ta' imparzjalità oġġettiva u soġġettiva ma humiex ħtiġiet kumulutivi, iżda li l-ħtieġa ta' prova ta' parzjalità oġġettiva u l-ħtieġa ta' prova ta' parzjalità soġġettiva ma humiex ħtiġiet kumulativi iżda alternativi, fis-sens li prova ta' waħda jew ta' oħra hija biżżejjed biex jintwera li ma hemmx smigħ xieraq.

raġonevoli illi l-ġudikant mhux ser ikun imparzjali sabiex issir ġustizzja fil-każ tagħhom u dan skont l-aforiżma '*justice must not only be done but must be seen to be done*'.

»… … …

»L-appellanti qatt ma sostnew li t-twemmin reliġjuż/politiku/sportiv/ kulturali tal-imħallef jew ta kwalunkwe mħallef huwa ta' xkiel għall-imparzjalità; anzi din it-teżi qatt ma ffurmat parti mis-sottomissjonijiet tagħhom. L-argument tal-appellanti huwa li f'dan il-każ il-ġudikant jifforma parti ta' entità li *ex admissis* hija viċina mal-konvenuta l-Arċidjoċesi ta' Malta u li xxandar l-istess messaġġ *tramite* l-istess esponenti tal-istess entità Arċiveskovili.

»… … …

»Ili l-argument kollu huwa li f'din il-kawża l-appellanti huma vittmi ta' abbużi serji li seħħew ġo dar tal-Knisja Kattolika ta' Malta u l-posizzjoni tal-imħallef f'għajnejn dawn il-vittmi hija wisq viċina u relatata magħha.

»Illi jingħad umilment li kuntrarjament għal dak li donnu riedet tgħid l-ewwel onorabbli qorti, l-appellanti ma humiex qed jippretendu li l-ġudikant li jisma' u jiddeċiedi l-kawża tagħhom ma jkollux bħal kull bniedem normali ad eżempju twemmin politiku u reliġjuż. Huwa fil-mument li l-ġudikant jieħu t-twemmin tiegħu fuq livell ieħor, livell fejn pubblikament u b'parteċipazzjoni attiva jippromwovi dak li jemmen fih, li jinħalqu ċirkostanzi dubbjużi. Din tmur *oltre* minn assoċjazzjoni passiva imma tiskala għal waħda attiva. Huwa f'dana l-livell li tinbet ġustament f'għajnejn minn irrikora għall-qrati l-biza', forsi skorrett, li t-twemmin, kawża diretta tal-perspettiva raġonevoli li l-assoċjazzjoni aperta, pubblika u attiva aktar minn ta' bniedem normali ġġib magħha, jista' joskura l-ġudizzju tal-persuna li qed tittratta l-kawża minnu mressqa. Dana ma hu xejn aktar minn dak indikat fil-kodiċi tal-etika.

»Illi għalhekk ir-referenza għar-regoli fil-kodiċi ta' etika ma sarux b'mod leġġer imma saru sabiex wieħed juri għaliex jeżistu dawn ir-regoli. Għandu wkoll jingħad li l-kunċett ta' imparzjalità oġġettiva jsib sostenn ukoll fil-Kodiċi ta' Etika tal-Ġudikatura, regola 72: "*members of the judiciary shall not join organizations, associations or bodies with political leaning, or which in their nature or in the purpose of their existence can be in conflict with their independence or impartiality, nor in any way can they show support even by way of financial assistance. Neither shall members of the judiciary participate in activities of such organizations, associations and bodies*", kif ukoll regola 23: "*Members of the judiciary shall not preside over a case … where there exists a manifest danger or prejudice to fair hearing … … …*".

»Dawn ir-regoli daħlu bħala regoli etiċi u mhux liġijiet għaliex hija l-perċezzjoni ta' ċittadin li jkun qed jadixxi l-qorti għal rimedju bbażat fuq il-ġustizzja li trid tiġi protetta. Huwa l-istess ċittadin li jadixxi lil dawn il-qrati li jrid ikollu serħan assolut tal-moħħ li l-kawża tiegħu ma tiġix mismugħa u deċiża minn ġudikant li fil-perspettiva raġonevoli tal-istess ċittadin jista' jkollu xi forma ta' inklinazzjoni li tista' minħabba assoċjazzjoni tal-istess ġudikant iġġiegħlu anke inkoxjenzjosament [inkonxjament?] ixaqleb lejn il-kontro-parti fil-kawża minnu intavolata.

»Barra minn hekk l-istess Kodiċi tal-Etika, fis-sezzjoni '*Guidelines'*, '*Social*, *cultural and other activities*' hemm projbizzjoni, *inter alia*, dwar

karigi eżekuttivi fejn imħallef ma jistax ikollu xi kariga fi ħdan assoċjazzjoni, sew f'Malta jew barra minn Malta, fejn tali assoċjazz-joni, b'mod dirett jew indirett, teħtieġ ġbir ta' fondi minn terzi persuni li ma jkunux membri ta' dik l-assoċjazzjoni jew assoċjazzjoni li min-natura tagħha stess jew l-għan tagħha tinvolvi l-imħallef fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jolqtu b'mod dirett jew x'aktarx jaffettwaw direttament il-mernbri ta' din l-assoċjazzjoni. Kif diġà saret referenza għaliha iżjed 'il fuq, il-president ta' *Radju Marija* huwa parti mill-*executive committee* kif ukoll il-ġbir ta' fondi tar-radju jsir anki minn terzi persuni li m'humiex membri tal-*Assoċjazzjoni Radju Marija*.

»Għaliex teżisti din ir-regola? Propju ħalli oġġettivament ċittadin ikollu s-serħan tal-moħħ li ġudikant ma jkunx assoċjat jew influwenzat mill-parteċipazzjoni tiegħu f'tali għaqdiet. Din ir-regola qiegħda hemm għall-protezzjoni ta' dan is-serħan tal-moħħ, xejn aktar u xejn anqas. … … …

»Dwar imparzjalità oġġettiva wieħed għandu jżomm li "*What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified*" (Il-Qorti Ewropea fil-kawża <u>Ferrantelli and Santangelo *v.* Italy</u>, 7 ta' Awwissu 1996).

»Mill-provi prodotti quddiem l-ewwel qorti, speċjalment mix-xiehda tal-appellanti Lawrence Grech u Philip Gauci li xehdu *viva voce*, joħroġ ċar li dawn il-persuni għandhom biża' reali li l-każ tagħhom jekk jinstema' mill-ġudikant Imħallef Joseph R. Micallef bħala president tal-*Assoċjazzioni Radju Marija* mhux se jkun wieħed ġust. Jekk wieħed għall-mument jidħol fiż-żarbun tal-appellanti għandu jinnota u jinduna li l-biża' tagħhom hija iżjed minn waħda raġonevoli. L-appellanti ma għandhomx sempliċi każ ta' ġbir ta' dejn fuq xi negozju jew xi kwistjoni simili. L-appellanti sofrew abbużi sesswali minn persuni li suppost kellhom l-obbligu li jieħdu ħsiebhom. Liema persuni kellhom ċertu stima fil-Knisja Kattolika Maltija. Liema stess persuni abbużaw il-posizzjoni ta' fiduċja li kellhom minħabba l-assoċjazzjoni mal-Knisja Kattolika Martija sabiex abbużaw sesswalment lill-appellanti għaliex fdawhom minħabba l-posizzjoni li kienu fiha. Hija għalhekk biża' raġonevoli tal-appellanti li ma jkollhomx fiduċja f'kull persuna assoċ-jata, manifestament, pubblikament u apertament anke jekk mhux direttament, mal-Knisja Kattolika Maltija. Għalkemm, teknikament u amministrativament, fil-formalità jista' ma jkunx hemm konnessjoni teknika bejn l-*Assoċjazzjoni Radju Marija* u l-Arċidjoċesi ta' Malta, it-tnejn li huma primarjament jimxu u jitmexxew skont l-istess tagħlim, skont l-istess liġi, skont l-istess prinċipji ta' attitudni u mod ta' hajja u dan skont it-tagħlim tar-Reliġjon Kattolika. Kif qal l-*ex*-direttur Fr Fenech quddiem l-ewwel qorti "jekk nisgarraw jibgħat għalina l-Arċisqof!" … … …

»… … …

»Illi jingħad umilment huwa dak li jipperċepixxi raġonevolment iċ-ċitta-din normali li jrid jiġi kunsidrat mhux dak li jirriżulta minn xi statut li seta' qatt ma ra d-dawl tax-xemx li għandu jiġi konsidrat. Hija per-ċezzjoni żbaljata – jistaqsu umilment l-appellanti – li *Radju Marija* hija parti integrali mill-Knisja Kattolika f'Malta meta rriżulta kjarament l-għan tal-istess, min minn huwa mmexxi u l-fond minn fejn jopera?

»Il-konnessjoni tal-Imħallef Joseph R. Micallef mhux sempliċi persuna li tħaddan Reliġjon Kattolika għaliex dak jagħmlu 'fil-magħluq', iżda

persuna li hija apertament president b'ċertu konnessjoni importanti u fundamentali mal-esponenti tal-Knisja Kattolika Maltija. Il-president ta' *Radju Marija* huwa l-persuna li tirrappreżenta lir-radju. Il-perċezzjoni għandha tkun rigward il-qoxra ta' barra u mhux fuq il-fatt li m'hemmx konnessjoni formali ta' kontroll interna bejn *Radju Marija* u l-Arċi-djoċesi ta' Malta. Dan mhux relevanti sabiex persuna raġonevoli tħoss li hemm biża' li l-ġudikant bħala l-president ta' *Radju Marija* huwa imparziali b'mod oġġettiv meta ġiet abbużata minn persuni fi ħdan dar immexxiia mill-Arċidjoċesi ta' Malta li fl-aħħar mill-aħħar kollha jaqgħu taħt l-istess kappa u *cioè kollha* jaqgħu taħt l-istess fidi u reliġjon.

»… … …

»Illi waqt il-ġbir tal-provi quddiem l-ewwel qorti, irriżultaw fatti li jagħtu relevanza għall-posizzjoni tal-appellanti u jkomplu jsaħħu l-perċezzjoni tagħhom. Fil-mument li l-Imħallef Joseph R. Micallef kien (u għadu) president tar-radju, Father Charles Fenech, li kien id-direttur tar-radju, ġie mixli quddiem il-Qorti Kriminali fuq abbużi sesswali ta' terza persuna. Ħadd min-naħa ta' *Radju Marija* ma talab ir-riżenja tiegħu iżda fuq in-naħa l-oħra l-Provinċjal tal-Patrijiet Dumnikani Maltin talab u obbliga r-riżenja ta' Father Charles Fenech minn direttur ta' *Radju Marija* meta ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali. Dan żgur li ħoloq biża' fir-rigward tal-appellanti f'dak li jikkonċerna l-imparzjalità oġġettiva tal-Imħallef Joseph R. Micallef bħala president ta' *Radju Marija* u żgur li wkoll joħloq perċezzjoni ta' nuqqas ta' din l-imparzjalità f'moħħ ta' persuna raġonevoli li tkun qed tara kollox bħala osservatriċi.

»Illi wkoll għandu jingħad li anki l-fatt waħdu li l-Imħallef Joseph R. Micallef innifsu ma rriżenjax minn jeddu hekk kif ra li l-appellanti għandhom biża' qawwija jekk hux ser issir ġustizzja magħhom jinklina lejn in-nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva. Fil-fatt kif diġà ġie mfisser iżjed 'il fuq "*any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw*" (para. 38, <u>Hauschildt v. Denmark</u>). Apparti dan, wieħed għandu wkoll jagħmel rimarka fuq l-aġir tal-appellati nnifishom fil-kawża in desamina u *cioè* fil-proċeduri 489/13 JRM fejn qed issir reżistenza straordinarja sabiex l-Imħallef Joseph R. Micallef ikompli jisma' l-każ. Dan ukoll juri kemm jidher li hemm parzjalità fil-konfront u għall-benefiċċju tal-appellati fil-kawża 489/13 JRM. … … …

»Għaliex, għalhekk, għandu jkun hemm din ir-reżistenza qawwija sabiex jinbidel il-ġudikant in kwistjoni f'rigward ta' persuni li huma vittmi ta' aġir kriminali? Għaliex għandna niksru d-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq ta' persuni li diġà huma vittmi meta fuq kollox l-appellati m'għandhom isofru ebda preġudizzju f'każ li jinħatar imħallef ieħor? Għaliex għandna niskartaw il-kodiċi tal-etika tal-istess ġudikanti li jipprekludi assoċjazzjoni ta' ġudikant f'għaqda bħal dik *de quo*?

»… … …«

9. Hemm diversi osservazzjonijiet f'dawn is-sottomissjonijiet tal-atturi li ma humiex korretti. Ċertament ma huwiex u ma jistax ikun il-każ illi l-kriterju ta' imparzjalità soġġettiva "jiddependi biss mill-perspettiva tal-

appellanti", jew li "l-iċken dubju ta' imparzjalità oġġettiva min-naħa tal-ġudikant seta' raġonevolment jiġi pperċepit … … … mill-appellanti li ser jippreġudika d-dritt ta' smigħ xieraq", għax "il-kawża hija tal-appellanti". Li tammetti dawn it-teoriji jfisser illi parti f'kawża effettiva-ment għandha *veto* fuq il-ħatra ta' mħallef biex jisma' l-każ tagħha.

10. Ukoll, ma huwiex korrett li tgħid illi, għax imħallef ma jastjenix meta jara li parti għandha "biża' qawwi jekk hux ser issir ġustizzja", dan juri "nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva". Hija għalhekk inkorretta l-osserv-azzjoni tal-atturi illi, għax il-parti l-oħra fil-kawża wriet "reżistenza qawwija" għall-eċċezzjoni ta' rikuża, dan huwa sinjal ta' parzjalità favur dik il-parti. Jekk eċċezzjoni ta' rikuża titressaq mhux għal raġuni-jiet oġġettivament ġustifikabbli iżda għax il-ġudikant ma jogħġobx lil parti, tagħmel sew il-parti l-oħra li tirreżisti l-eċċezzjoni.

11. Lanqas ma hu minnu li, għax ġudikant igħix it-twemmin tiegħu "pubblikament u b'parteċipazzjoni attiva", b'hekk "jinħolqu ċirkostanzi dubbjużi"; ġudikant mhux bilfors ikollu jgħix it-twemmin tiegħu fil-katakombi biex jitqies oġġettivament imparzjali.

12. L-Imħallef tal-ewwel istanza evidentement kien tal-fehma li r-regoli ta' rekuża fil-Kodiċi ta' Proċedura kienu jipprekluduh milli jastjeni mis-smigħ tal-kawża u li skont il-liġi kien għalhekk obbligat li jismagħha. Mill-perspettiva kostituzzjonali, iżda, japplikaw konsiderazzjonijiet oħrajn. Il-kwistjoni hi jekk hemmx raġunijiet li oġġettivament jiġġustifikaw il-biża' ta' parzjalità. Għalkemm dak li tħoss jew taħseb jew tibża' parti f'kawża dwar il-parzjalità jew imparzjalità tal-ġudikant

huwa wkoll relevanti għall-għanijiet tal-imparzjalità, ma huwiex il-kriterju determinanti: li hu determinanti hu jekk dak il-biża' jew dik il-perċezzjoni huwiex imsejjes fuq konsiderazzjonijiet oġġettivi hekk li persuna raġonevoli u mingħajr preġudizzji tagħha tasal biex hi wkoll ikollha dubji dwar l-imparzjalità tal-ġudikant[4].

13. L-apparenzi wkoll jistgħu jkunu konsiderazzjonijiet oġġettivi li joħolqu dubji. Ukoll jekk ma hemmx rabtiet ġerarkiċi bejn ġudikant u parti fil-kawża, jekk l-apparenzi huma hekk li persuna raġonevoli tista' wkoll mingħajr wisq tiġbid jagħtu x'taħseb li hemm dawk ir-rabtiet, id-dubju ta' dik il-persuna dwar l-imparzjalità tal-ġudikant jista' jkun dubju oġġettivament ġustifikat.

14. Fejn jeżistu dubji bħal dan, ikun fl-interess mhux biss tal-parti li oġġettivament tara raġunijiet ta' parzjalità kontriha li l-ġudikant ma jkomplix jisma' l-każ; ikun ukoll fl-interess tal-parti l-oħra għaliex il-ġudikant jista', biex jegħleb kull dubju dwar l-imparzjalità tiegħu ixaqleb, imqar inkonxjament favur l-parti l-oħra.

15. Il-kwistjoni issa hi jekk fil-każ tallum hemmx raġunijiet oġġettivi li f'osservatur raġonevoli u imparzjali jistgħu joħolqu dehra ta' rabtiet bejn ġudikant u parti f'kawża hekk li tiddgħajjef il-fiduċja fl-imparzjalità ta' dak il-ġudikant.

16. Għalkemm huwa minnu illi, kif jixhed l-istatut tal-*Assoċjazzjoni Radju Marija*, dik l-assoċjazzjoni u t-tmexxija tar-radju huma indipendenti

4 Ara *e.g.* Lindon u oħrajn *v* Franza, Q.E.D.B. dms 22 ta' Ottubru 2007 (rikk. 21279/02 u 36448/02), §77.

mill-Arċidjoċesi, u ma hemm ebda rabta ġerarkika formali bejn l-Arċidjoċesi u r-radju, ma hijiex għalkollox imġebbda l-perċezzjoni ta' rabta mill-qrib bejniethom. Din il-perċezzjoni tiġi ġġenerata mill-fatt oġġettiv illi d-direttur tal-programmi għandu dejjem ikun kjeriku, meta tqis l-istqarrija tal-istess direttur illi jekk "jisgarra" jibgħat għalih l-Arċisqof, u meta tqis ukoll illi l-Provinċjal tad-Dumnikani kellu s-setgħa li jesiġi u jikseb ir-riżenja tal-istess direttur tal-programmi minn dik il-ħatra. Huwa minnu illi hemm distinzjoni bejn ir-rwol tad-direttur tal-programmi u dak tal-president tal-assoċjazzjoni iżda t-tnejn għandhom rwol ewlieni fit-tmexxija tal-istess assoċjazzjoni li, għar-raġunijiet imsemmija fuq, ma hijiex għalkollox ħielsa minn rabta, li tista' wkoll tidher ġerarkika, mal-Arċidjoċesi.

17. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, ma hijiex irraġonevoli l-perċezzjoni li hemm rabta tali bejn l-Arċdjoċesi u l-assoċjazzjoni li tagħha l-imħallef huwa president li tista' tolqot ħażin id-dehra ta' imparzjalità oġġettiva ta' min għandu rwol fit-tmexxija ta' dik l-assoċjazzjoni. Id-dubju ma huwiex wieħed li ma jitqiesx oġġettivament ġustifikat, ukoll jekk dak id-dubju ma jolqotx l-imparzjalità soġġettiva tal-imħallef.

18. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza appellata: tipprovdi dwar l-ewwel żewġ talbiet billi tgħid illi jkun hemm ksur tal-jedd tal-atturi għal smigħ xieraq jekk ma tintlaqax l-eċċezzjoni ta' rikuża tal-imħallef li qiegħed jisma' l-kawża fl-ismijiet <u>Lawrence Grech *et v.* Carmelo Pulis *et*</u> (rik.489/2013), u għalhekk tordna li l-kawża ma titkompliex quddiem l-istess imħallef; ma huwa meħtieġ

ebda provvediment dwar it-tielet u r-raba' talbiet billi s-surroga tal-imħallef issir kif igħid u jrid il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

19. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll tal-appell, jitħallsu mill-konvenuti f'ishma ndaqs bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df